MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 130/2002

**Miller Distributors Limited**

**vs**

**Charles Borg**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Is-socjeta’ attrici titlob il-hlas ta’ mitejn u wiehed u ghoxrin liri maltin u tminja u sebghin centezmu (Lm221.78) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta’ merkanzija mibjugha u ikkonsenjata mis-socjeta’ attrici lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittri legali datati l-5 ta’ Gunju, 2002, t-18 ta’ Ottubru, 2001, u t-2 ta’ Dicembru, 2001, u tal-ittra ufficjali datata l-14 ta’ Settembru, 2001, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament.”

Ra r-risposta:

1. “Illi l-eccipjenti mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li l-ordnijiet ma gewx maghmula minnu u lanqas fl-interess tieghu izda mill-Kumitat Sezzjonali Tal-Partit Nazzjonalista ta’ Victoria, Ghawdex;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti mhuwiex debitur lejn is-socjeta’ attrici fl-ammont indikat fit-talba;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li s-sorte thallset sia pure bla pregudizzju mill-konvenut u fadal biss il-kap tal-ispejjez.

Illi jirrizulta li l-kunsinna tal-merkanzija konsistenti f’gurnali kienet issir lill-konvenut li min-naha tieghu kien jeffettwa l-pagamenti. Huwa eccepixxa li kien qieghed jagixxi ghan-nom ta’ haddiehor izda kif inhu stabbilit fil-gurisprudenza min jallega li jkun ikkuntratta ghan-nom ta’ haddiehor irid igib il-prova ta’ dan – haga li l-konvenut naqas milli jaghmel - u di piu’ min ikun qieghed jagixxi *nomine* jinhtieglu li jaghmel dan bl-iktar mod car ma’ min ikun qieghed jikkuntratta – haga li wkoll il-konvenut ma jirrizultax li ghamel.

Ghalhekk l-ispejjez ta’ din il-kawza jbatihom il-konvenut billi jirrizulta li saret kontra tieghu korrettement.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kaz in kwantu jikkoncerna s-sorte billi l-mertu jinstab ezawrit izda kwantu ghall-kap tal-ispejjez jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tal-istess inkluzi dawk tal- ittri interpellatorji tal-05.06.2002; 18.10.2001; 02.12.2001 u tal-ittra ufficjali tal-14.09.2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------